MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 157/2007

Il-Pulizija
(Spt. A. Gafa')
vs.
Mildred Pace

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
1. f'dawn il-Gzejjer, f'diversi jiem fis-snin 1998 u 1999, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingannat jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh li jeccedi l-elf lira Maltin [Lm1,000] ghad-

detriment ta' diversi sidien ta' vetturi mixtrija minghand Montebello Enterprises Ltd;
2. fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz;
3. fl-istess cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat;
4. fl-istess cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegata pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg taghha, talbet, irceviet jew accettat ghaliha jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hi ma kelliex jedd, u minhabba dan naqset li taghmel dak li kien fid-dmir taghha li taghmel;
5. fl-istess cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, fl-ezercizzju tad-dmirijiet taghha, ghamlet falsifikazzjoni b'firem foloz jew b'tibdil f'atti, fi skrittura jew f'firem, jew billi dahhlet isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registri jew f'atti pubblici ohra, wara li jkunu ga ffirmati jew maghluqa;
6. fl-istess cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, biddlet bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi ta' atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga taghha, sew billi nizzlet pattijiet diversi minn dawk li kienu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjarat bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kienux;
7. fl-istess cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, illi minhabba l-kariga jew l-impieg taghha, kienet fid-dmir li taghmel jew taghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamlet jew tat dikjarazzjoni falza;
8. fl-istess cirkostanzi fil-kapacita taghha ta' ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew impjegata tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellha jew ma kelliex jedd li tesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet taghha, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga taghha, esigiet dak li l-Ligi ma tippermettix jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-Ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 t'April, 2007 li biha, wara li rat l-artikoli 18, 112, 115(c), 119, 141, 179, 180, 185(1),

186, 308, 309 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellata hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha bit-tieni akkuza kompriza w involuta fl-ewwel akkuza, w illiberatha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien tlett (3) snin, skond l-artikolu 22 tal-Kap 446, wara li l-Qorti staqsieta jekk kienitx disposta toqghod taht kundizzjoni f’kaz li tkun liberata w wiegbet fl-affermattiv.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-18 t’April, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija, w l-ordni skond il-Kap 446 izda tinfliggi l-piena skond il-Ligi billi timponi ukoll l-interdizzjoni perpetwa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat li l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellata b’kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien tlett (3) snin skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446 izda naqset li timponi dak li kien rikjest mill-prosekuzzjoni fl-akkuza w cioe’ l-interdizzjoni li certament kienet applikabbli f’dan il-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal redat fis-seduta tal-lum li bih Dr. Camilleri ghall-appellata ddikjara illi jaqbel li ghandha tigi mposta l-interdizzjoni generali, pero’ li din ghandha tkun imposta fil-minimu taghha.

Rat l-artikoli 119 u 190 tal-Kodici Kriminali li jistipulaw bl-iktar mod car illi l-piena tal-interdizzjoni generali f’kazijiet bhal dawn trid tkun dik ta’ interdizzjoni generali perpetwa w ghalhekk din il-Qorti m’ghandix diskrezzjoni li tilimitaha ghal certu zmien, ghalhekk jidher li l-appell tal-Avukat Generali huwa ben fondat.

Il-Qorti ghalhekk qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti taghha fejn sabet lill-appellata hatja

tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha b’dana li hemm l-assorbiment tat-tieni akkuza fl-ewwel akkuza w fejn illiberataha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien tlett (3) snin skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446 u, b’zieda ma’ dan,  qed timponi fuq l-appellata l-interdizzjoni generali perpetwa skond l-artikoli 119 u 190 tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------